MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 121/2003

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Said Unis, iben Unis, imwieled
Tripoli, Libya fl-4 ta' mejju, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli bejn il-31 ta' jannar, 2003 u l-1 ta' frar, 2003 minn ġewwa Triq Ħriereb, Msida –
1. ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAM 298, għad-dannu ta' Lofti Ali Esnusi Abughana mill-Imsida, liema serq hu aggravat bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur;
2. talli fl-1 ta' frar, 2003 għal ħabta tas-2.15 a.m. ġewwa Triq il-Kbira, San Ġiljan saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni għal terżi persuni u talli ma kienitx illiċenzjata kurrenti sabiex tinzamm fit-triq skond il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. talli fl-istess ħinijiet u post tal-1 ta' frar, 2003 saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u negliġenti;
4. talli fl-istess ħinijiet u post ta' l-1 ta' frar, 2003 b'nuqqas ta' ħila u arti
fil-professjoni tiegħu involontarjament ikkaġuna ħsarat fuq l-istess vettura,
bin-numru tar-reġistrazzjoni LAM 298, għad-dannu ta' Lofti Ali Esnusi Abughana, kif ukoll fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAU 199,
tal-għamla Volkswagen għad-dannu ta' Ian Casolani minn San Ġiljan.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.
Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 328(d)
tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u
l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta' erba' snin mil-lum
l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tiddikjara lill-imputat immigrant prjobit u tordna t-tneħħija tiegħu minn dawn
il-Gżejjer.

--------------------------------TMIEM--------------------------------